**214. L-Onor. Charles Mangion u L-Onor Roderick Galdes jippremettu:**

1. Illi f'Diċembru 2010 il-Gvern arbitrarjament issospenda l-Iskema ta' Residenti Permanenti mingħajr ma kellu l-ebda skema oħra biex tissostitwixxi l-istess skema;

2. Illi fl-istess waqt il-Gvern kien wiegħed li fi żmien relattivament qasir kien ser jippublika regoli ġodda biex jilqgħu għal kull potenzjal ta' abbuż kif ukoll titkompla b'mod effiċjenti l-iskema msemmija;

3. Illi minkejja diskussjonijiet ma' korpi kostitwiti u entitajiet li ġew milquta b'din is-sospensjoni, sa llum il-Gvern għadu ma ippublika 1lebda skema ġdida vijabli;

4. Illi jidher wkoll li l-proposti li l-Gvern donnu qed jaħseb fuqhom huma tant tassattivi li fil-prattika l-publikazzjoni tagħhom tkun tfisser li din in-niċċa partikulari ta' servizzi tinqered kompletament;

5. Illi dan is-settur tas-servizzi kien jinvolvi numru konsiderevoli. Ta' persuni li jahdmu fih, fosthom aġenti tal-propjetà, professjonisti, żviluppaturi li għamlu investimenti kbar fi proġetti u persuni oħra li indirettament u direttament jaħdmu u joperaw f'dan is-suq;

6. Illi din is-sospensjoni ta' skema mgħaġġla ħolqot inċertezza u tagħti lill-investituri barra minn pajjiżna l-impresjoni li pajjiżna ma hux ta' min jorbot fuqu minħabba li tibdil fir-regolamenti isir bl-għaġġla u mingħajr ħsieb u mingħajr pjanar u għalhekk joħloq inċertezza f'suq fejn l-istabbilita hija element essenzjali għas-suċċess;

7. Illi pajjiżi kompetituri tagħna qegħdin jsaħħu l-iskemi tagħhom għal residenti permanenti biex iħajjru dawk imsejjħa "*high net worth individuals*" lejn il-pajjiż

8. Illi din l-iskema hija ta' importanza għall-ekonomija ta' pajjiżna kif ukoll tipprovdi dħul konsiderevoli għall-Gvern mingħajr żieda fil-piż tat-taxxi kemm 'il darba titħaddem bil-għaqal.

Għalhekk fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi

- Il-Partit Laburista jipproponi li għandha ssir diskussjoni sħiħa fil-Parlament dwar din l-skema ta' residenti permanenti biex jkun mistħarreġ bl-akbar mod ampju l-Iskema ta' Residenti Permanenti, l-isfidi li din tippreżenta għall-pajjiż, kif wkoll jkunu proposti suġġerimenti kif din l-iskema tiġi rijattivata b'regoli ġodda li jilqu għall kull potenzjal ta' abbuż kif wkoll jkunu kompetittivi, biex jintlaħqu l-għanijiet li għalihom din l-iskema bi qbil bejn il-partjiet kollha kienet twaqqfet. Din id diskusjoni ssir mingħajr ma jittieħed vot bħala turija li din l-iskema għandha tkun fuq mill-politika u bħal sinjal ta' ċertezza għall-investituri.

- Il-Gvern għandu mill-aktar fis jirriattiva l-iskema, bit-tibdil meħtieġ.

28.03.11